**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 393/2014*

**Il- Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**
**(Spettur Roderick Zammit)**

**-vs-**

**Anthony Pace detentur tal-Karta tal-Identita` numru 455070M**

Illum, 24 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Pace u ċioè talli:[1]

> Fi Frar 2014 u fix-xhur u snin ta' qabel, ġewwa diversi nħawi fil-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnesjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, dan l-istess uffiċjal jew impjegat fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

---

[1] Akkuzi godda a fol.310-311

Talli fl-istess perjodu, bħala uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bħala mpjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak l-Liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-Liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-Liġi;

Fl-istess perjodu, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entita` oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu;

Fl-istess perjodu b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex ġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapiżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, għamel qliegħ għal-valur li jaqbeż l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta;

Fl-istess perjodu bi hsara ta' haddiehor ghamel qliegh iehor b'qerq ghall-avlur li jaqbez l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta;

Talli f'Jannar, 2014, u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, minn ġewwa r-residenza tiegħu ġewwa 33, Flat 2, Chez Carelle, Triq Madre Tereża, Mosta, ikkommetta serq ta' elettriku għad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbeż €2,329.32;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-diżpożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering u tipproċedi sabiex minnufih tagħmel ordni temporanja ta' iffriżar tal-assi tal-imsemmi Anthony Mifsud [sic];

F'każ ta' ħtija il-Qorti ġiet mitluba, li wara li tinforma ruħha minn fatti speċifiċi, u tkun għal kollox konvinta li l-propjeta inkwistjoni tkun inkisbet minn attivita kriminali, din il-propjeta' tiġi konfiskata.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-2 ta' Novembru, 2017,[2] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-artikoli 17, 18, 23A, 23C, 31, 42, 112, 115(1)(c), 120(1), 127, 308, 309 310(1)(a), 261(c), 267, 279(b), 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat

Fl-ewwel lok u in vista tal-fatt li saret rinunzja mill-Enemalta dwar is-sitt imputazzjoni, il-Qorti ser tikkunsidra biss dawk il-provi li jirrigwardaw l-ewwel hames imputazzjonijiet.

Illi l-**Ispettur Daniel Zammit** xehed u taha rendikont dwar kif bdiet u ssoktat l-investigazzjoni wara informazzjoni li kien qed ikun hemm tbaghbis ta' *smart meters* minn certu installers biex jigu jirregistraw anqas konsum. L-investigazzjonijiet maghmula mill-Enemalta kixxfu l-involviment ta' *installers* fosthom l-imputat li kien ukoll konsumatur tal-Korporazzjoni.[3] Gewwa r-residenza tieghu instab ukoll meter li kien *tampered*. Il-pulizija kompliet tinvestigah wara li gie zvelat li dan kien qed jaghmilha ta' *middleman* ma' *installers* ohra biex igibilhom aktar klijenti f'dan l-abbuz.[4] Wara li tnediet skema biex persuni jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom, l-imputat gie identifikat bhala dak li hajjar ghadd ta' persuni biex jaghmlu tbaghbis fil-meter jew laqqahhom mal-*installers* li wettqu it-*tampering*.[5]

---

[2] Fol.993
[3] Fol.26-27
[4] Fol.27
[5] Fol.28

**Mario Antoine D'Ambrogio** spjega kif wara li l-Enemalta nediet skema li thajjar konsumaturi li kellhom *tampered meters* jigu l-quddiem u jiehdu amnestiji, gie identifikat min kien involut f'dan it-tbaghbis.[6] Kien hemm zewg kazijiet fejn dawn in-nies, meta murija ritratti tal-impjegati tal-Enemalta, identifikaw l-imputat bhala dak li tramite tieghu akkwistaw *tampered meter*. F'kaz minnhom l-imputat innifsu wahhal il-meter u f'kaz iehor thallas ghal dan is-servizz.[7] D'Ambrogio ikkonferma li l-mohh wara din l-iskema ma kienx l-imputat izda certu Paul Pantalleresco.[8] Jixhed li l-meter li gie mwahhal *"Ingab diga minsus"*.[9]

**Christopher Cutajar** esebixxa hames meters li gew elevati minn numru ta' *premises*. Dawn gew *tested* u rrizulta li kienu qed jirregistraw anqas milli suppost.[10] Riprodott esebixxa meter registrat fuq Francis Calleja.[11]

**Il-Prokuratur Legali Caroline Zerafa** xehdet diversi drabi[12] fejn ipprezentat certifikati t'esenzjoni ai termini tal-***Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni***, Kap.326 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward ta' Anton Ciantar[13], Saviour Sammut,[14] Emanuel Zammit,[15]Francesco Calleja[16] u Anton Ciantar.[17]

**Saviour Sammut** xehed *"Jien kont go hanut u kont qed nitkellem hawn ingerger……Hanut tat-te. Imbaghad kien hemm certu ragel <u>Anthony u nsomma avvicinani u qalli li dan b'xi arlogg ma jaqrax bizzejjed……. Li ma jaqrax bizzejjed konsum….. Li ma jaqrax il-qari ezatt kollu</u>. Ghidtlu orrajt……Qalli jekk trid nista' nwahhal wiehed……Il-post id-dar. Imbaghad ghadda ftit taz-zmien u ma kellimnix. Ergajt intqajt mieghu.. [Spettur: U fejn ergajt intqajt mieghu?]….Hemmhekk kumbinazzjoni H'Attard hemm hanut tat-te kont qed niehu te u kien ghaddej, u kellimtu. Qalli issa meta jkun il-mument opportun inkellmek jiena. Kien hadli n-number tieghi u veru, tajtu n-number tieghi tal-*

---

[6] Fol.34
[7] Fol.35
[8] Fol.37
[9] Fol.38
[10] Fol.150 et seq.
[11] Fol.222 et seq.
[12] Fol.51-52; fol.216; fol.244
[13] Fol.53
[14] Fol.54
[15] Fol.55
[16] Fol.218
[17] Fol.246

*mobile, ghadda ftit taz-zmien u cempilli qalli gejjin inwahhlu l-Ismart Meter. Ghidtlu imma jiena minix qieghed id-dar, qalli tibzax hemm xi hadd? Ghidtlu hemm il-mara u t-tifel, qalli mela orrajt, ghidtlu mela ha ncemplilhom nara hux qeghdin hemm, u cempiltilhom kienu qeghdin hemm, u marru u wahhlu l-Ismart Meter. U nsomma kien qalli kemm ukoll……Tnax il-mija, u nsomma u kien mar wahhlu u wara ftit taz-zmien kien gie ghall-flus. Intqajna l-Mosta go hanut u tajthomlu l-flus tnax il-mija…… Flus…..Cash……".*[18] Indika lill-imputat bhala l-persuna Anthony.[19] Jghid li l-meter twahhal xi sena w nofs jew sentejn qabel (xehed f' Gunju, 2014). Meta twahhal il-meter hu ma kienx hemm.[20] Ikompli li l-imputat qallu *"jekk trid ghandi meter ma tantx jaqra."*[21]

**Emanuel Zammit** jixhed li kien ltaqa' ma ragel ruxxan, *big boy* b'ghajnejh celesti, gewwa San Pawl il-Bahar fejn kien izomm id-dghajsa. Mieghu beda jgorr fuq kontijiet tad-dawl meta dan offrielu li jiffrankalu mill-kontijiet.[22] Ix-xhud hu inkonsistenti meta mitlub jispjega kif gharaf lill-imputat, meta gie muri ritratti ta' diversi persuni mill-Enemalta, izda baqa' jinsisti li l-imputat ma kienx dak ir-ragel li rrifera ghalih.

Dwar dan il-Qorti tinnota li l-imputat hu bniedem ruxxan, ta' certu piz u b'ghajnejh celesti propju kif Zammit jiddeskrivi dik il-persuna. Anke dwar min ikkuntatja lil min, ix-xhud ihawwad fid-diskors tieghu. Jghid li nesa' x'jismu ghalkemm jammetti li kienu kkomunikaw w cemplu lil xulxin diversi drabi![23] Jixhed *"**qalli li jista' jiffrankali so much konsum**...... **Li jgibuli jaqra inqas l-arlogg.....** ntqajna xi darbtejn jew tlieta, kuldarba jistennieni diehel bid-dghajsa jigifieri u nintaqghu fuq il-moll..... qalli li jinbidel il-meter li **attaparsi jkun bil-hsara u jinbidel b'meter li jigi jaqra inqas,** spjegahieli.";* ghal das-servizz talbu l'fuq minn €2,000 - €2,200.[24] Qabel hallsu, ivverifika li l-arlogg kien qed jirregistra anqas konsum.[25] Dwar l-imputat jghid li ma jafux w qatt ma tkellem mieghu.[26]

---

[18] Fol.56-58
[19] Fol.59
[20] Ibid.
[21] Fol.60
[22] Fol.64
[23] Fol.65. vide ukoll fol.67
[24] Fol.66-68
[25] Fol.69
[26] Fol.71

Wara li x-xhud gie dikjarat bhala xhud ostili, giet esebita dikjarazzjoni li kien irrilaxxa fejn minnha jirrizulta li ddentifika lill-imputat bhala l-bniedem li avvicinah ***"qalli l-arlogg ma jitbaghbasx u huwa kien igib wiehed iehor li jaqra nqas"***.[27] Mistqosi lil min hallas jerga' jiddentifika lill-imputat.[28]

**Raymond Azzopardi**[29] u **Stephanie Micallef**[30] ikkonfermaw l-awtenticita` ta' dik id-dikjarazzjoni li saret maghhom.

**Francesco Calleja** spjega l-involviment tieghu: *"Dak kienu gew bidluli l-meter l-qadim. Wara ftit dan li ghamluli l-gdid ma baqghetx tahdem il-bozza tpetpet. Kien hemm il-mara qaltli mhix tpetpet ghidtilha orrajt cempillhom ghidilhom jigu jaraw. Cemplitilhom gew jaraw, u qalli dan l-arlogg qalli jrid jinbidel ghal bil-hsara. Jien qed nitkellem mieghu u ghidtlu isma li ha twahhluli bhal dan jigri? Qalli bhalu imma* ***jekk trid wiehed jahdem naqra inqas naghtuk****. Insomma ghidtlu kif kieku sewwa jien. Qalli ttini elf u tliet mija, ghidtlu ntik elf u mitejn. Bqajna hemm irrangajna hemm u gie jwahhlu l'ghada jew il-pit-ghada m'ghadnix niftakar ghax ilu xi tliet snin, gie jwahhlu, tajtu l-flus u telaq."*. Kien tkellem ma wiehed jismu Ritchie.[31]

**Anton Ciantar** jiddeskrivi *"jiena kont nahdem dak iz-zmien Ta' Qali Crafts Village u kien jigi Toni jaghmel xi tiswijiet tal-komun ta' Ta' Qali, u darba minnhom konna qeghdin nitkellmu dwar l'gholi tal-hajja u kien semmieli dan il-meter imbaghbas li jahli inqas, u jiena waqajt ghalih."* Spicca wehhel tnejn fir-residenza u fil-hanut tieghu f'Ta' Qali.Hallas lil dan Toni b'kollox €1,100 *cash*. Jindika lill-imputat bhala dan Toni.[32]

B'hekk huma biss Ciantar, Sammut u Zammit li ddentifikaw lill-imputat bhala l-persuna li hajjarhom ibiddlu l-meter ghal wiehed li jirregistra anqas konsum.

---

27 **Dok.DZ7** a fol.84

28 Fol.86. Vide ritratt immarkat u ffirmat minn Zammit a fol 89.

29 Fol.944-945

30 Fol.954

31 Fol.220

32 Fol.247-249

Ikkunsidrat:

**L-Ewwel Tlett Imputazzjonijiet: Korruzzjoni, Konkussjoni u Storn**

Rekwizit essenzjali ta' dawn it-tlett reati hu li l-awtur ikun ufficjal jew impjegat pubbliku jew kien impjegat f'amministrazzjoni pubblika.

Ghalhekk ser jigi kkunisdrat jekk fiz-zmien tal-imputazzjonijiet addebitati, u cioe` *"Fi Frar 2014 u fix-xhur u snin ta' qabel",*[33] l-imputat kienx jokkupa kariga li tammonta ghal xi wahda minn dawn il-figuri.

**Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-*employment history* tal-imputat[34] u jirrizulta li gie impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta fis-6 t'Awissu, 1990 sal-24 t'Awissu, 2014. Fil-25 t'Awissu, 2014 beda impjieg ma' Engineering Resources Ltd.[35]

**Joseph Mangion**[36] esebixxa l-*employment record* tal-imputat mal-Korporazzjoni Enemalta minn fejn jirrizulta li dan kien gie impjegat mal-korporazzjoni fit-13 t'Awissu 1990, bl-ahhar impjieg tieghu fi hdan l-istess korporazzjoni ikun dak li nbeda fil-11 ta' Lulju, 2012.[37]

**Mariella Bugeja** xehdet li l-imputat kien impjegat ma Engineering Resources Ltd. sa mill 11 ta' Lulju, 2012.[38]

Ghaldaqstant il-Qorti ghandha verzjonijiet konfliggenti dwar meta l-imputat ma baqax impjegat mal-Enemalta u beda l-impjieg ma Engineering Resources Ltd. Madanakollu dan il-kunflitt ftit jimpingi fuq il-mertu ta' dawn l-ewwel tlett imputazzjonijiet.

---

[33] Fol.310-311

[34] Fol.240. Vide **Dok.DZ8** a fol.242-243

[35] Din l-istess informazzjoni baqghet tidher sat-18 t'Ottubru, 2019, vide fol.1061 formanti parti mis-social enquiry report.

[36] Fol.48

[37] **Dok.DZ1** a fol.50

[38] Fol.950-953

Fil-fatt, l-artikolu 28(5) ta' l-***Att dwar l-Enemalta***, Kapitolu 272 tal-Ligijiet ta' Malta,[39] kien jipprovdi: *"ghandhom jitqiesu li huma ufficjali u impjegati pubblici skond it-tifsira tal-Kodici Kriminali".*

Izda fl-***Att tal-2014 dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta, Att XXXIV tal-2014, Kapitolu 536 tal-Ligijiet ta' Malta*** li, *inter alia, "iħassar l-Att dwar l-Enemalta u biex jipprovdi għal ħwejjeġ ančillari jew konnessi ma' dan."*, ma tinsab l-ebda disposizzjoni simili.

Ghalkemm dan l-Att dahal fis-sehh fis-27 t'Awissu, 2014, u ghalhekk wara id-data tar-reati addebitati lill-imputat, l-Att il-gdid specifikatament jipprovdi ghall-kuntrarju u cioe` li mad-dhul fis-sehh tal-Att l-impjegati tal-Enemalta saru w **kellhom jitqiesu li dejjem kienu impjegati ma Engineering Resources Ltd.,** deskritta fl-istess Att bhala *"(kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata rreġistrata skont il-liġijiet ta' Malta) u 1i għandha n-numru ta' reġistrazzjoni ta' kumpannija C 65835".*

L-artikolu 4 ta' dan l-Att[40] jipprovdi:

> 4. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-persuni kollha impjegati fil-Korporazzjoni minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu għandhom, mad-dħul fis-seħħ ta' dan -lartikolu, jiġu trasferiti u jsiru impjegati ta' Engineering Resources Ltd bis-saħħa ta' dan l-artikolu u mingħajr il-bżonn ta' kwalunkwe formalitajiet oħra.
>
> (2) Engineering Resources Ltd għandha tieħu l-jeddijiet u l-obbligi kollha li l-Korporazzjoni kellha lejn l-impjegati qabel it-trasferiment tal-impjegati bis-saħħa ta' dan l-artikolu u kull wieħed minn dawn l-impjegati għandu, **għall-finijiet u l-għanijiet kollha ta' kwalunkwe liġi**, jitqies li **kien impjegat ta' Engineering Resources Ltd mid-data li fiha huwa ġie impjegat mal-Korporazzjoni,** u kull wieħed minn dawn l-impjegati għandu, għall-finijiet u l-għanijiet kollha ta' kwalunkwe liġi jkompli jgawdi l-istess jeddijiet u kundizzjonijiet li kellu minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, inkluż iżda mhux limitat għad-drittijiet tal-pensjoni jew drittijiet relatati mal-kalkolu ta' kwalunkwe pensjoni jew ta' kwalunkwe servizz pensjonabbli taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet jew ta' kwalunkwe liġi oħra.

Ghalkemm l-artiklu 4(2) jitkellem dwar *"jeddijiet u kundizzjonijiet"*, evidentement riferenza ghall-kundizzjonijiet t'impjieg, bl-ebda mod ma jista' jitqies li l-fatt li tkun meqjus bhala ufficjal pubbliku hija xi

[39] Imħassar bl-*Att tal-2014 dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta*, Att XXXIV tal-2014, Kapitolu 536 tal-Ligijiet ta' Malta, li dahal fis-sehh fis-27 t'Awissu, 2014, (ghajr ghall-artikolu 4 dwar 'Impjegati tal-Korporazzjoni', li gie fis-sehh fil-25 t'Awissu, 2014.

[40] Li dahal fis-sehh fil-25 t'Awissu, 2014

kundizzjoni. Anzi kwalifika simili hi wahda oneruza ghall-ahhar! ***L-Att XXXIV tal-2014*** ma pprovda ghall-ebda disposizzjoni tranzitorja li tindirizza procedimenti penali li jirrigwardaw reati li sehhew qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att, minkejja li meta dan iddahhal fis-sehh f'Awissu, 2014, l-investigazzjonijiet mill-Enemalta u mill-pulizija dwar *meter tampering* kienu *in full swing*.

Kif gie kjarifikat li tali impjegati kellhom ikomplu jgawdu drittijiet relatati mal-pensjoni u servizz pensjonabbli taht l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, Kapitolu 93 tal-Ligijiet ta' Malta, li tirrigwarda persuni fis-servizz pubbliku ta' Malta, hekk kellu jsir ukoll rigward jekk dawn l-impjegati kellhomx jibqghu jitqiesu bhala ***ufficjali u impjegati pubblici;*** id-dicitura tal-Artikolu 4(2) tal-Att izda tipprovdi li impjegat tal-Enemalta issa kellu *"jitqies li kien impjegat ta' Engineering Resources Ltd mid-data li fiha huwa ġie impjegat mal-Korporazzjoni"!!*[41]

Ghalhekk qatt ma jistghu jirrizultaw l-imputazzjonijiet ta' **korruzzjoni, konkussjoni u storn, reati li lkoll kemm huma jirrikjedu li l-awtur ikun ufficjal jew impjegat pubbliku jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika**!

Ir-Raba u Hames Imputazzjoni: Truffa w Frodi innominata

F'dan il-kaz hu biss Emanuel Zammit li jibda biex jaghti hjiel dwar xi ghemil qarrieqi adoperat mill-imputat meta jixhed li qabel ma jitwahhal il-meter imbghabas, kellu jinghad li dak ezistenti kien soffra xi hsarat: "*qalli li jinbidel il-meter li* ***attaparsi jkun bil-hsara u jinbidel b'meter li jigi jaqra inqas,*** *spjegahieli."*[42] Madanakollu dan id-dettal baqa' ma giex amplifikat. Calleja wkoll issemmi diskors simili izda kif intqal minnu, l-

---

[41] Fil-fatt fl-***Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika***, jipprovdi:
""impjegat pubbliku" tinkludi uffiċjali pubbliċi u impjegati ta' aġenziji tal-Gvern u entitajiet tal-Gvern";""kariga pubblika" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni u għandha wkoll, għall-finijiet ta' dan l-Att, tinftiehem li tfisser kull grad jew pożizzjoni ħlief dawk imsemmija fis-subartikolu (2)(a)"; u ""servizz pubbliku" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bil-Kostituzzjoni, iżda għall-finijiet ta' dan l-Att għandha tinftiehem skont is-subartikolu (2)". Fih ma ssir l-ebda riferenza ghal dawn l-impjegati, li hekk kif saru kkunsidrati impjegati ma kumpanija privata necessarjament gew eskluzi mill-applikabbilita` ta' dan l-att.
[42] Fol.66-68

persuna li tkellem maghha kienet certu Ritchie u l-imputat ma ffigura imkien.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela**, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) elenkat l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat ta' truffa:[43]

> *Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*[44]

X'jikkostitwixxi raggiri w artifizji gie kkunsidrat f'diversi sentenzi fosthom dik **il-Pulizija vs Charles Abela** fejn il-Qorti ghamet ezami *funditus* fuq ir-reat ta' frodi:[45]

> Fi kliem **Antolisei**:[46]
>
> *artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*
>
> Antolisei jkompli jghid pero li
>
> *nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.*[47].
>
> Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:
>
> *Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet.*[48]

---

[43] Deciza 15.12.2011 per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke

[44] **Pulizija vs Carmela German**; Qorti tal-Appell Kriminali; Deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata

[45] Deciza 06.07.2016 per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli

[46] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356

[47] Op cit pagna 357

[48] **Pulizija vs Emanuel Ellul;** Deciza 20.06.1997

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra:**[49]

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Charles Zarb****, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*
*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
*c. ta' kwalifiki foloz jew*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*
*e. ingann jew*
*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
*g. jew ta' hila*
*h. setgha fuq haddiehor jew*
*i. ta' krediti immaginarji jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. …."*

---

[49] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima; Deciza fit-2.03.2011

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa* ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** *Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "* ***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, <u>la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto</u>. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz*

*fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004):* ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*** [emfazi tal-Qorti]

Fil-kaz in dezamina ma jirrizultaw li ntuzaw l-ebda raggiri, artifizji, gideb jew xi forma ta' qerq iehor adoperati mill-imputat li wasslu konsumaturi tal-Enemalta jhallsuh il-flejjes li ssemmew.

Il-prosekuzzjoni, f'dan il-kaz, tqis lil Enemalta bhala l-parti danneggiata; hekk hu! Madanakollu lanqas ma gie soddisfacentement ippruvat kif permezz tal-qerq tieghu, l-imputat wasal biex jigu mghoddija lilu - mill-Enemalta - numru ta' meters tad-dawl li hu rnexxielu jsarrafhom fi gwadann ghalih u f'telf ghal Enemalta.

Dak li gie certament ppruvat sal-grad mistenni hu li l-konsumaturi kienu jafu ezatt x'kien intenzjonat isir gewwa djarhom u stabbilimenti taghhom; ma kienu xejn ghajr *willing participants* fid-delitt ta' serq ta' dawl!

Bla dubbju l-ghemil tal-imputat jinkwadra f'komplicita` fis-serq t'elettriku, izda daqstant iehor mhemmx dubbju li dak l-ghemil ma jinkwadrax f'dak ta' frodi.

Ghalhekk l-imputat qed jigi liberat mir-raba u mill-hames imputazzjoni.

Issir riferenza wkoll ghall-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana fis-sentenza tad-9 t'Ottubru, 1996, nru. 10495:

> La sottrazione di energia elettrica attuata mediante la manomissione del contatore che alteri il sistema di misurazione dei consumi integra il reato di furto e non quello di truffa: detta misurazione, infatti, ha la funzione di individuare l'entità dell'energia trasferita all'utente e quindi di specificare il consenso dell'ente erogatore in termini corrispondenti, sicchè la condotta dell'agente prescinde dall'induzione in errore del somministratore ed è immediatamente diretta all'impossessamento della cosa per superare la contraria volontà del proprietario..[50]

[50] Corte di Cassazione, Sezione Unite

Is-Sitt imputazzjoni: Serq

Illi wara li kienet giet prezentata kwerela datata nhar id-9 ta' Gunju, 2014, mill-Korporazzjoni Enemalta, is-socjeta` derubata,[51] kien hemm rinunzja ghall-istess kwerela mill-parte leza fejn din iddikjarat li ma kien baqaghlha ebda pendenza rigward dan il-kaz u ghalhekk kienet qed tirrinunzja minghajr rizerva ghall-passi kriminali fil-konfront tal-imputat.[52]

Kif deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Camilleri**:[53]

> Illi fil-waqt li originarjament dawn ir-reati kienu prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio*, bl-introduzzjoni tal-artikolu 283A u bl-emendi introdotti bil-proviso ghall-artikolu 326 (1) tal-Kodici Kriminali, ghar-reati in dizamina, bl-Att XXII tas-sena 2005, ma jista' jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza, f' dan l-kaz ovvjament l-Enemalta Corporation. Hu ovvju ghalhekk li, in vista ta' dawn l-emendi, kienet mehtiega l-kwerela tal-parti offiza biex il-Pulizija setghet tipprocedi kontra l-appellant, f' Mejju, 2006…..

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, filwaqt li tiddikjara procediment estint fir-rigward tal-hames imputazzjoni, il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet l-ohra kollha.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[51] **Dok.DZ6** a fol.82.
[52] Vide xhieda Dr. Amadeus Cachia tat-2 ta' Lulju, 2020
[53] Per Onor. Imhallef Dr. J. Galea Debono, Deciza 12.02 2009; Appell Kriminali Numru. 275/2008